L-INTERVISTA

# Park Reġjonali F'Imġarr ix-Xini

**Dun Eddie Zammit jintervista lis-Sindki tax-Xewkija u ta' Sannat, Dr.Monica Vella LL.D. u is-Sur Carmel Camilleri, dwar il-proposta ta' proġett bi sħab għal park reġjonali fil-Wied ta' Imġarr ix-Xini.**

## Mistoqsijiet lil Dr. Monica Vella, Sindku tal-lokalità tax-Xewkija.



***F'konferenza stampa li tajtu dan l-aħħar il-Kunsilli Lokali tax-Xewkija u ta' Sannat ħabbartu proġett bi sħab ta' Park Reġjonali fl-inħawi ta' Imġarr ix-Xini. Kif nibtet l-idea ta' dan il-proġett?***

Waħda milll-prijoritajiet tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija hija l-ħarsien ta' l-ambjent. Il-wied ta' Mġarr ix-Xini huwa wied pittoresk, mimli b'ambjent naturali illi jsaħħar lil kull min kellu l-opportunità illi jżur dan il-wied. Għalkemm bħala storja kemm il-wied kif ukoll il-bajja ta' Mġarr ix-Xini mill-qedem dejjem kienu jiffurmaw parti mill-istorja tax-Xewkija, meta saru l-konfini tal-Kunsilli Lokali, dan il-wied ġie maqsum bejn il-Kunsilli tax-Xewkija u dak ta' Sannat. Bħala Sindku tar-raħal tiegħi, nħoss illi l-postijiet kollha ta' nteress kulturali li għandna fir-raħal tagħna għandna nieħdu ħsiebhom u nagħmlu dak kollu possibbli sabiex il-pubbliku inġenerali, u partikolarment ir-residenti Xewkin, jsiru jafu bihom u jibdew jgawduhom. Mhux biss, iżda dan il-wied joffri ukoll diversi punti storiċi illi għandhom stejjer partikolari marbuta magħhom; insibu ukoll interessi arkeoloġiċi, diversi pjanti u anke insetti illi jkomplu jsebbħu n-natura illi joffri dan il-wied, kif ukoll diversi għerien illi fihom insibu dawk li x-Xewkin u min hu midħla ta' dan il-Wied isejħulhom "il-qniepen" illi fir-realtà huma stalagmiti. Dan il-wied għandna nieħdu ħsiebu l-ewwelnett sabiex inżommuh fl-istat naturali, u tieninett sabiex nagħmlu dak li hemm bżonn biex il-pubbliku jkun jista' jilħaq dan il-post b'anqas diffikultà u jżur u jgawdi dak kollu li joffri l-Wied ta' Imġarr ix-Xini. Dan il-proġett ma setax jsir mill-Kunsill tax-Xewkija biss, peress li nofs il-wied jaqa' taħt il-Kunsill ta' Sannat.





Għalhekk kont kellimt lis-Sindku ta' Sannat u staqsejtu x'jaħseb kieku kellna nagħmlu proġett sabiex nieħdu ħsieb dan il-wied. Is-Sindku ta' Sannat qabel ma' l-idea u wara li tkellimna diversi drabi konna laqqajna ż-żewġ kunsilli flimkien u bdejna naħdmu fuq dan il-proġett.

***X'inhuma l-karatteristiċi ta' dan il-Wied u liema xorta ta' żvilupp qed jiġi propost?***

Il-Wied ta' Imġarr ix-Xini fih diversi karaterristiċi. Nistgħu ngħidu illi anke l-forma tiegħu stess hija waħda mill-karatteristiċi tiegħu peress illi hija forma ewlenija fil-gżejjer tagħna. Il-blat illi jifforma il-ġnub ta' dan il-wied huwa karatteristika oħra, liema blat għandu l-importanza geomorfoloġika tiegħu. Karatteristika oħra huma l-fdalijiet storiċi u arkeoloġiċi illi nsibu f'dan il-wied. Imbagħad wieħed irid isemmi ukoll l-ekosistema ta' dan il-wied illi hija waħda ħajja u tinbidel kontinwament. Fl-ekosistema wieħed irid jinkludi n-numru kbir ta' pjanti u fjuri li jikbru f'dan il-wied illi ħafna minnhom huma endemiċi għall-gżejjer tagħna, jiġifieri illi jinstabu biss f'dan il-wied. Hawnhekk wieħed irid isemmi ukoll il-ħafna insetti, friefet, u annimali żgħar illi jgħixu f'dan il-wied,

Tajjeb nispjegaw u nagħmlu ċar illi l-proġett għall-Park Reġjonali ta' Wied Imġarr ix-Xini huwa proġett pjuttost ġdid għall-gżejjer tagħna. Dan għaliex fil-wied mhu se jsir l-ebda żvilupp, jiġifieri l-ebda forma ta' bini.Il-proġett jikkonsisti primarjament fil-manutensjoni tal-wied billi jitnaddaf l-istess wied, il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ illi hemm fid-diversi għelieqi fin-naħat ta' fuq ta' l-istess wied u li ħafna minnhom huma imwaqqgħin,it-tindif tal-passaġġi u toroq fir-raba illi diġa' hemm eżistenti fl-istess wied, jitranġaw it-turġien eżistenti, kif ukoll illi fil-punti mportanti jitpoġġew posti illi jispjegaw l-importanza ta' dik il-parti tal-wied. Posti huma ġebel illi jkunu forma ta' kolonna żgħira li fuqha jkun hemm waħda minn dawk il-posti illi kienu saru fi żmien il-ħakma tar-Reġina Victoria sabiex jiġi indikat illi dak ir-raba kien raba tal-istat. Għalhekk aħna ħsibna wkoll illi nżommu l-istess forma ta' posti bħala sinjali ndikattivi.



***Dan il-kunċett ta' park kif qed tispjega tant tajjeb, huwa ġdid għall-gżira tagħna. X'għanijiet huma mistennija jintlaħqu b'dan il-proġett?***

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa illi jipprovdi alternattiva ta' rikreazzjoni għall-pubbliku inġenerali u speċjalment għall-familji,proġett illi għandu jagħti pulmun ġdid lill-gżira għawdxija, kemm bħala post illi għadu mhux mittiefes u joffri ambjent nadif u arja friska għal kull min jogħġbu jgawdi n-natura kif ukoll bħala proġett b'kunċett ġdid fil-gżejjer tagħna. Barra minn hekk skop ieħor huwa l-edukazzjoni u l-għarfien kulturali lit-tfal u l-familji tagħna, illi għandhom jkunu jafu fuq dak kollu illi joffri dan il-wied kemm bħala ambjent, storja, u anke kultura. Għan ieħor huwa dak turistiku. Dan il-Park Reġjonali għandu joffri attrazzjoni turistika fil-gżira għawdxija. Illum it-turiżmu qed jieħu xejra differenti u qed jiġi maqgħud ma' l-agrikoltura u ma' l-ambjent. Barra minn dan, il-proġett ser ukoll jipprovdi opportunitajiet ġodda ta' xogħol. Wieħed mill-kunċetti ġodda huwa illi fil-wied ikun hemm gwidi ambjentali biex jieħdu ħsieb biex ma ssirx ħsara lill-ambjent, kif ukoll illi jedukaw lin-nies dwar l-ambjent illi joffri dan il-wied.





## Mistoqsijiet lis-Sur Carmel Camilleri, Sindku tal-lokalità ta' Sannat

***Dwar it-tmexxija ta' dan il-park reġjonali hemm maħsub jitwaqqaf Bord apposta. X'inhuma t-termini tat-tmexxija ta' dan il-Bord u liema strateġija ta' tmexxija ser tiġi addottata biex il-proġett jibqa' vijabbli?***

Kif inbeda l-pjan ta' dan il-proġett, iż-żewġ kunsilli ħassew li jkun ta' importanza kbira li jinħoloq "*Action Committee*". Dan il-kumitat irid jaħdem flimkien maż-żewġ kunsilli u jara li l-pjanijiet li ġew ipproġettati jseħħu u anke jara ukoll li l-proġett jkun vijabli. Ix- xogħol li jrid isir f'dan il-wied u l-inħawi tal-madwar hu ppjanat li jseħħ fuq medda tas-snin.

Dan il-kumitat irid iżomm kuntatt u diskussjonijiet ma' diversi għaqdiet u entitajiet oħra li jistgħu jkunu ta' għajnuna b'pariri, suġġerimenti u anke b'ħidma volontarja. Ifittex u jara li jżomm kuntatt anke ma' għaqdiet barranin li jkunu esperjenzaw ħidma b'dawn it-tipi ta' proġetti u jkun jistgħu jgħinuna, anke biex napplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropeja. Iżomm kuntatt kontinwu ma' bdiewa li jużaw l-għelieqi ta' dawk l-inħawi. Jitfasslu *leaflets* b'informazzjoni dwar diversi materji ta' interess li jinsabu ġewwa l-konfini ta' dan il-proġett u joħolqu attivitajiet biex iżommu l-pubbliku infurmat b'dak li jkun qiegħed jsir f'dan il-Park Regjonali.



***Proġett bħal dan jirrekjedi investiment anke finanzjarju. X'investiment finanzjarju jitlob dan il-proġett u kif ser jiġi iffinanzjat?***

Bla dubju biex taħdem fuq dan il-proġett tirrikjedi ammont sostanzjali ta' flus. Għalkemm bħala kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ ma jirrekjediex ammonti kbar ta' flus, xorta waħda jkun hemm bżonn kontinwu ta' tindif tal-passaġġi u bini ta' ħitan li jaqgħu. Il-quddiem hemm ippjanat li isir restawr tal-pompa ta' l-ilma ta' żmien ir-Reġina Victoria, u anke tindif u skavar ta' partijiet arkeoloġiċi. Biss il-pjan ta' dan il-kumitat hu li naħdmu bl-anqas spejjeż possibbli u li x-xogħol isir fuq medda ta' żmien. B'hekk iż-żewġ kunsilli jkunu jistgħu jivvutaw ċertu ammont ta' flus għal dan il-proġett kull sena. Qegħdin infittxu ukoll kif nistgħu nakkwistaw fondi mill-Unjoni Ewropeja li huma relatati ma' dawn it-tipi ta' proġetti.





***Hemm maħsub xi involviment min-naħa tal-pubbliku fit-tfassil tal-pjani ta' dan il-proġett? X'inhu mistenni mill-pubbliku li 'l quddiem se jagħmel użu minn dan il-proġett?***

Aħna fil-laqgħat pubbliċi li għamilna dejjem appellajna, biex il-pubbliku inġenerali jressaq s-suġġerimenti tiegħu. Enfasizzajna ukoll li huwa ferm importanti li l-bdiewa ta' dawk l-inħawi jibqgħu jaħdmu l-għelieqi tagħhom biex il-ħajja f'dawn l-inħawi tibqa' naturali. Il-pubbliku jista' jgawdi s-seħer u s-sbuħija ta' l-inħawi b'mixjiet trankwilli u ħarġiet kulturali. L-istudenti jkunu jistgħu jinżlu fil-wied jistudjaw jew jagħmlu riċerki u studju fuq diversi xtieli u ħlejjaq oħra uniċi li nsibu f'dawn l-inħawi.
Bħala Kunsilli nemfasizzaw ma' kulħadd l-importanza taż-żamma ta' l-ordni u l-indafa.

***X'kontribut ser jagħti dan il-proġett għall-infrastruttura turistika ta' pajjiżna?***

Wieħed mill-impenji ta' dan il-kumitat hu li nirreklamaw l-inħawi mat-turisti li jiġu jżuruna. Hafna huma t-turisti li jiġu Għawdex biex jgawdu s-seħer tan-natura. Aħna ser noffrulhom mhux biss il-bajja sabiħa u kwieta ta' Mġarr ix-Xini li tagħmel parti minn dan il-wied iżda anke s-seħer tas-sbuħija tal-wied. Fil-wied hemm partijiet storiċi u arkeoloġiċi, inkluż anke xitel u ħlejjaq uniċi li jkunu jistgħu jattiraw anke studenti minn universitajiet barra minn Malta. Il-ħsieb ta' proġett agro-turistiku qiegħed hemm ukoll. Hemm ukoll ippjanat li nippublikaw *leaflets* dwar dan il-wied u l-importanza tiegħu, li jkunu jistgħu jitqassmu lit-turisti. Bħalissa ukoll il-pjanti tal-proġett u l-istudju li sar qiegħed ukoll fuq il-website tal-kunsilli rispettivi.

***Ritratti:*** Hajr lil Etienne Micallef, Philip Cassar, u Kunsilli Lokali tax-Xewkija u Sannat.